III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/922/PESK

**tat-8 ta' Diċembru 2008**

**li timplimenta l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha, flimkien mal-Artikolu 23(2) tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bil-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK, il-Kunsill adotta miżuri biex, b'mod partikolari, jipprojbixxi d-dħul fi, jew it-transitu mit-territorji ta' l-Istati Membri, u jiffriża l-kapital u r-riżorsi ekonomiċi tal-membri tal-Gvern taż-Żimbabwe u tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, l-entitajiet jew l-organizzazzjonijiet assoċjati magħhom, kif ukoll ta' persuni oħrajn fiżiċi jew ġuridiċi li jinsabu fil-lista fl-Anness tal-Pożizzjoni Komuni msemmija, li l-attivitajiet tagħhom huma theddida serja għad-demokrazija, għar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u għall-istat tad-dritt fiż-Żimbabwe.

(2) Wara l-atti ta' vjolenza organizzati u mwettqa mill-awtoritajiet taż-Żimbabwe waqt il-kampanja għall-elezzjonijiet presidenzjali fl-2008, il-Kunsill iddeċieda li jżid ċerti persuni u entitajiet oħrajn mal-lista li tinsab fl-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2008/605/PESK ([2]) fit-22 ta' Lulju 2008.

(3) Il-Kunsill iddeċieda wkoll li jsaħħaħ il-miżuri restrittivi dwar ir-rifjut tad-dħul jew tat-transitu fit-territorju tal-Istati Membri tal-persuni fiżiċi elenkati fl-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK, bl-adozzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2008/632/PESK ([3]) fil-31 ta' Lulju 2008.

(4) Minħabba l-vjolenzi organizzati u mwettqa mill-awtoritajiet taż-Żimbabwe u ż-żamma persistenti milli jiġi implimentat il-Ftehim politiku ffirmat fil-15 ta' Settembru 2008, jeħtieġ li jiżdiedu xi persuni mal-lista li tidher fl-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK.

(5) Min-naħa l-oħra, hemm persuna fil-lista li tidher fl-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK li ż-żamma tagħha f'tali lista m'hemmx iżjed raġuni għaliha.

(6) Għaldaqstant l-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK għandu jiġi rivedut kif meħtieġ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

1. Il-persuni li jidhru fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista li tinsab fl-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK.

2. Il-persuna li tidher fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni għandha titneħħa mil-lista li tinsab fl-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2004/161/PESK.

([1]) ĠU L 50, 20.2.2004, p. 66.

([2]) ĠU L 194, 23.7.2008, p.34.

([3]) ĠU L 205, 1.8.2008, p. 53.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 8 ta' Diċembru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. KOUCHNER

*ANNESS I*

**Il-persuni msemmijin fl-Artikolu 1(1)**

| | |
|---|---|
| 173. Newton Kachepa | Membru tal-Parlament għal Mudzi tat-Tramuntana, direttament involut fil-kampanja ta' terrur qabel u wara l-elezzjonijiet |
| 174. Maġġur Kairo (magħruf ukoll bħala Cairo) Mhandu | ZNA, direttament involut fil-kampanja ta' terrur qabel u wara l-elezzjonijiet |
| 175. Brigadier Ġenerali Sibusio Bussie Moyo | ZNA, direttament involut fil-kampanja ta' terrur qabel u wara l-elezzjonijiet |
| 176. Brigadier Ġenerali Richard Ruwodo | Promoss fit-12 ta' Awwissu għall-grad ta' Maġġur Ġenerali (irtirat); li qabel kien is-Sotto-Segretarju ta' l-Istat għall-Ministeru tad-Difiża, direttament involut fil-kampanja ta' terrur qabel u wara l-elezzjonijiet |
| 177. Misheck Nyawani | Supretendent (irtirat), direttament involut fil-kampanja ta' terrur qabel u wara l-elezzjonijiet |
| 178. Columbus Mudonhi | Assistent Spettur ZRP, direttament involut fil-kampanja ta' terrur qabel u wara l-elezzjonijiet |
| 179. Isaac Mumba | Supretendent, direttament involut fil-kampanja ta' terrur qabel u wara l-elezzjoni-jiet |
| 180. Martin Kwainona | Assistent Kummissarju, direttament involut fil-kampanja ta' terrur qabel u wara l-elezzjonijiet |
| 181. Paul Mudzvova | SGT, direttament involut fil-kampanja ta' terrur qabel u wara l-elezzjonijiet |
| 182. Martin Dinha | Gvernatur Provinċjali għal Mashonaland Ċentrali |
| 183. Faber Chidarikire | Gvernatur Provinċjali għal Mashonaland tal-Punent |

*ANNESS II*

**Il-persuna msemmija fl-Artikolu 1(2):**

| | |
|---|---|
| 45. Makoni, Simbarashe | Viċi Segretarju Ġenerali tal-Politburo taż-ZANU PF, responsabbli għall-affarijiet ekonomiċi (qabel Ministru tal-Finanzi), data tat-twelid 22.3.1950<br><br>Membru tal-Politburo u bħala tali, b'konnessjonjiet mill-qrib mal-Gvern u l-politika tiegħu. |